

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-28 ta' Frar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas – il-Litwanja) – Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos vs Nidera BV**

(Kawża C-387/16) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Artikolu 183 — Rimbors tal-eċċess tal-VAT — Rimbors tardiv — Ammont tal-interessi moratorji dovuti skont l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Tnaqqis ta' dan l-ammont għal raġunijiet mhux imputabbli lill-persuna taxxabli — Ammissibbiltà — Newtralità fiskali — Ċertezza legali)*

(2018/C 142/07)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

Konvenuta: Nidera BV

fil-preżenza ta': Vilniaus apskrities valstybinė mokesčių inspekcija

**Dispożittiv**

L-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi t-tnaqqis tal-ammont tal-interessi normalment dovuti skont l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali dwar eċċess tat-taxxa fuq il-valur miżjud li ma ġiex irrimborsat fit-termini, għal raġunijiet marbutin ma' ċirkustanzi mhux imputabbli lill-persuna taxxabli, bħall-importanza tal-ammont ta' dawn l-interessi meta mqabbla mal-ammont tal-eċċess tat-taxxa fuq il-valur miżjud, il-perijodu li matulu l-ħlas żejjed ma ġiex irrimborsat u r-raġunijiet għal dan id-dewmien, kif ukoll it-telf effettivament imġarrab mill-persuna taxxabli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 343, 19.9.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-1 ta' Marzu 2018 – Ice Mountain Ibiza, SL vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

(Kawżi magħquda C-412/16 u C-413/16 P) <sup>(1)</sup>

*(“Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade marks figurattivi oċean beach club ibiza u oċean ibiza — Trade marks figurattivi preċedenti nazzjonali OC oċean club u OC oċean club Ibiza — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni)*

(2018/C 142/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Appellanti: Ice Mountain Ibiza, SL (rappreżentanti: J. L. Gracia Albero u F. Miazzetto, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u D. Botis, aġenti)